SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

29 ta' Jannar 2009 *

Fil-Kawża C-311/06,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2006, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Lulju 2006, fil-proċedura

Consiglio Nazionale degli Ingegneri

vs

Ministero della Giustizia,

Marco Cavallera,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn C. W. A. Timmermans, President tal-Awla, J.-C. Bonichot, K. Schiemann (Relatur), J. Makarczyk u L. Bay Larsen, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

Avukat Ġenerali: M. Poiares Maduro,
Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-13 ta' Settembru 2007,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Consiglio Nazionale degli Ingegneri, minn A. Romei, avukat,

— għall-Gvern Taljan, minn I. M. Braguglia, bħala aġent, assistit minn S. Fiorentino, avukat tal-Istat,

— għall-Gvern Belġjan, minn L. Van den Broeck, bħala aġent,

— għall-Gvern Ċek, inizjalment minn T. Boček, sussegwentement minn M. Smolek, bħala aġenti

— għall-Gvern Grieg, minn E. Skandalou, bħala aġent,

— għall-Gvern Ċiprijott, minn C. Lycourgos u I. Neofitou, bħala aġenti,

— għall-Gvern Awstrijak, minn C. Pesendorfer, bħala aġent,

— għall-Gvern Svediż, minn A. Falk u A. Kruse, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn H. Støvlbæk u E. Montaguti, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-28 ta' Frar 2008,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 337).

2 Din it-talba ġiet mressqa fil-kuntest tal-kawża bejn il-Consiglio Nazionale degli Ingegneri (Kunsill Nazzjonali tal-Inġiniera) u l-Ministero della Giustizia (Ministeru tal-Ġustizzja) dwar ir-rikonoxximent, minn dan tal-aħħar, favur M. Cavallera, ċittadin Taljan, ta' titolu Spanjol ta' inġinier, miksub bl-approvazzjoni ta' kwalifika Taljana, sabiex il-parti interessata tkun irreġistrata fir-reġistru tal-inġiniera fl-Italja

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 L-ewwel premessa tad-Direttiva 89/48 taqra kif ġej:

"Billi, skond l-Artikolu 3(ċ) tat-Trattat l-abolizzjoni, bejn l-Istati Membri, ta' ostakoli għal-libertà ta' moviment għal persuni u servizzi tikkostitwixxi waħda mill-objettivi tal-Komunità; billi, għal ċittadini ta' l-Istati Membri, dan ifisser b'mod partikolari l-possibiltà li wieħed iwettaq professjoni, kemm jekk bħala persuna li taħdem għal rasha kemm jekk bħala impjegat, fi Stat Membru ta' xorť oħra minn dak li fih akkwistaw il-kwalifiki professjonali tagħhom".

4 It-tielet premessa ta' din id-direttiva tistabbilixxi:

"Billi, sabiex tiġi pprovduta risposta malajr għal dak li jistennew iċ-ċittadini ta' pajjiżi Komunitarji li għandhom diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali maħruġa fi Stat Membru ta' xorť oħra minn dik li fih huma jixtiequ jwettqu l-professjoni tagħhom, metodu ieħor ta' rikonoxximent ta' dawn id-diplomi għandu wkoll jitwaqqaf sabiex ikun possibbli għal dawk kollha kkonċernati biex iwettqu dawk l-attivitajiet professjonali kollha li fi Stat Membru ospitanti huma dipendenti fuq il-kompletar ta' edukazzjoni u taħriġ post-sekondarju, sakemm dawn għandhom dik id-diploma li tippreparahom għal dawk l-attivitajiet mogħtija mal-kompletar ta' kors ta' studji li jdum mill-inqas tliet snin u maħruġ fi Stat Membru ieħor".

5 Il-ħames premessa tal-imsemmija direttiva tippreċiża:

"Billi, għal dawk il-professjonijiet li għat-twettiq tagħhom il-Komunità ma stabbilitx il-livell minimu neċessarju ta' kwalifiki, l-Istati Membri jirriservaw l-għażla li jistabbilixxu dan il-livell bl-iskop li jiggarantixxu l-kwalità tas-servizzi pprovduti fit-territorju tagħhom; billi, madanakollu, dawn ma jistgħux, mingħajr ma jiksru l-obbligi tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-Trattat, jeħtieġu li ċittadin ta' Stat Membru jakkwista dawk il-kwalifiki li ġeneralment huma jiddeterminaw biss b'referenza għal diplomi maħruġa taħt is-sistemi proprji ta' edukazzjoni nazzjonali, meta il-persuna kkonċernata tkun diġà akkwistat parti minn jew il-kwalifiki kollha fi Stat Membru ieħor; billi, bħala riżultat, kull Stat Membru ospitanti li fih tkun regolata professjoni hu meħtieġ jieħu kont tal-kwalifiki akkwistati fi Stat Membru ieħor u li jiddetermina jekk dawk il-kwalifiki jikkorrispondux għall-kwalifiki li jeħtieġ l-Istat Membru kkonċernat."

6 L-Artikolu 1(a) u (b) tad-Direttiva 89/48 jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) diploma: kull diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifiki formali jew kull sett ta' dawn id-diplomi, ċertifikati jew provi oħrajn:

— li ngħatat minn awtorità kompetenti fi Stat Membru, maħtur skond il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-disposizzjonijiet amministrattivi proprji;

— li turi li t-titolari ikun ikkompleta b'suċċess kors post-sekondarju ta' mill-inqas tliet snin, jew ta' dewmien ekwivalenti part-time, f'università jew stabbiliment ta' edukazzjoni ogħla jew stabbiliment ieħor ta' livell simili u, meta approprjat, li huwa jkun ikkompleta b'suċċess it-taħriġ professjonali meħtieġ minbarra il-kors post-sekondarju, u

— li turi li t-titolari jkollu l-kwalifiki professjonali meħtieġa għall-bidu jew it-twettiq ta' professjoni regolata f'dak l-Istat Membru,

sakemm l-edukazzjoni u t-taħriġ ivverifikati mid-diploma, iċ-ċertifikat jew provi oħrajn ta' kwalifiki formali jkunu ġew irċevuti prinċipalment fil-Komunità, jew it-titolari tagħhom ikollu tliet snin esperjenza professjonali iċċertifikata mill-Istat Membru li rrikonoxxa diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifiki formali ta' pajjiż terz.

Dan li ġej għandu jiġi trattat bl-istess mod bħal diploma, fis-sens ta' l-ewwel subparagrafu: kull diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifiki formali jew kull sett ta' diplomi, ċertifikati jew provi oħrajn bħal dawn mogħtija minn awtorità kompetenti fi Stat Membru jekk din tkun ingħatat mal-kompletar b'suċċess ta' edukazzjoni u taħriġ irċevut fil-Komunità u rikonoxxut minn awtorità kompetenti f'dak l-Istat Membru bħala ta' livell ekwivalenti u jekk dan jagħti l-istess drittijiet fir-rigward tal-bidu u t-twettiq ta' professjoni regolata f'dak l-Istat Membru;

(b) Stat Membru ospitanti: Kull Stat Membru li fih ċittadin ta' Stat Membru japplika sabiex iwettaq professjoni soġġetta għar-regolament f'dak l-Istat Membru, ta' xorť oħra mill-Istat li fih huwa akkwista d-diploma tiegħu jew beda għall-ewwel darba l-professjoni inkwistjoni".

7 Fil-verżjonijiet tagħha Taljana u Ungeriża biss, l-Artikolu 1(b) tad-Direttiva 89/48 isemmi ċittadin "ta' Stat Membru ieħor" ("di un altro Stato membro"/"egy másik tagállam"), minflok ċittadin "ta' Stat Membru".

8 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/48 jistabbilixxi:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għal kull ċittadin ta' Stat Membru li jixtieq iwettaq professjoni regolata fi Stat Membru ospitanti bħala persuna li taħdem għal rasha jew bħala persuna impjegata".

9 Fil-verżjonijiet tagħha Ġermaniża u Ungeriża biss, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2, din id-direttiva ssemmi l-eżerċizzju ta' professjoni rregolata "fi Stat Membru ieħor" ("in einem anderen Mitgliedstaat"/"egy másik tagállamban"), minflok l-eżerċizzju ta' professjoni rregolata "fi Stat Membru ospitanti".

10 Il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/48 jipprovdi:

"Meta, fi Stat Membru ospitanti, il-bidu jew it-twettiq ta' professjoni regolata huwa soġġett għall-pussess ta' diploma, l-awtorità kompetenti ma tistax, fuq il-bażi ta'

kwalifiki inadegwati, tirrifjuta li tawtorizza ċittadin ta' Stat Membru milli jibda jew iwettaq dik il-professjoni bl-istess kondizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini proprji stess:

(a) jekk l-applikant għandu d-diploma meħtieġa fi Stat Membru ieħor għall-bidu jew it-twettiq tal-professjoni inkwistjoni fit-territorju tiegħu, u din id-diploma tkun ingħatat fi Stat Membru […]"

11 Fil-verżjonijiet tagħha Taljana, Spanjola u Slovena biss, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva jipprovdi rifjut ta' ċittadin "ta' Stat Membru ieħor" ("di un altro Stato membro"/"de otro Estado miembro"/"druge države članice"), minflok rifjut ta' ċittadin ta' "Stat Membru".

12 Barra minn hekk, fil-verżjonijiet Taljana u Slovena biss, il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva jsemmi diploma miksuba "fi Stat Membru ieħor" ("in un altro Stato membro"/"drugi državi članici"), minflok diploma miksuba "fi Stat Membru".

13 Minkejja l-Artikolu 3 tad-Direttiva 89/48, l-Artikolu 4 ta' din l-istess direttiva jippermetti lill-Istat Membru ospitanti jeżiġi li l-applikant, taħt ċerti kundizzjonijiet, jagħti prova li għandu esperjenza professjonali ta' ċertu tul, li jkun ikkompleta perijodu ta' adattament ta' massimu tliet snin jew jieħu aptitude test. Dan l-istess artikolu jiffissa ċerti regoli u kundizzjonijiet applikabbli għall-miżuri ta' kumpens li jistgħu jkunu mitluba sabiex jiġu kkumpensati n-nuqqasijiet ta' taħriġ li jkollu l-applikant.

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

Ir-regolamentazzjoni tal-professjoni ta' inġinier fi Spanja u fl-Italja

14 Il-professjoni ta' inġinier hija professjoni rregolata kemm fi Spanja kif ukoll fl-Italja.

— Is-sistemi ta' taħriġ u l-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-professjoni ta' inġinier

15 Is-sistemi ta' taħriġ Taljani u Spanjoli huma simili f'dak li jikkonċerna l-kwalifiki fil-qasam tal-inġinerija. F'dawn iż-żewġ Stati Membri, tali kwalifiki jistgħu jinkisbu wara li jiġi kkompletat kors ta' studju postsekondarju ta' minimu tlieta jew ħames snin.

16 Fl-Italja, id-diplomi universitarji miksuba wara tliet snin ta' studju ("laurea triennale") iwasslu għat-taħriġ bħala inġiniera junior ("ingegnere junior").

17 Għall-aċċess għall-professjoni ta' inġinier junior huwa meħtieġ diploma universitarju kif ukoll li wieħed jgħaddi mill-eżami tal-Istat ("esame di Stato") li jikkorrispondi għall-professjoni kkonċernata [Artikolu 4 tad-Digriet Irjali Nru 2537, tat-23 ta' Ottubru 1925 (*Gazzetta ufficiale* Nru 37, tal-15 ta' Frar 1926)]. Dan l-eżami tal-Istat jikkonsisti, skont l-Artikoli 47 u 48 tad-digriet tal-President tar-Repubblika Nru 328, tal-5 ta' Ġunju 2001 (suppliment ordinarju għall-GURI Nru 190, tas-17 ta' Awwissu 2001), tal-inqas, f'żewġ eżamijiet bil-miktub, eżami orali u ieħor prattiku. Il-kandidati li jgħaddu mill-eżami tal-

Istat jingħataw l-awtorizzazzjoni sabiex jeżerċitaw il-professjoni ta' inġinier ("abilitazione all'esercizio della professione di ingegnere").

18 Fi Spanja, id-diplomi universitarji miksuba wara tliet snin ta' studju jwasslu għall-kwalifika ta' inġinier tekniku ("ingeniero técnico").

19 Il-leġiżlazzjoni Spanjola fil-qasam tad-diplomi universitarji tagħmel distinzjoni bejn żewġ tipi ta' diplomi, jiġifieri d-"diplomi uffiċjali", li l-validità tagħhom hija rikonoxxuta fit-territorju nazzjonali kollu u li jagħtu aċċess għall-professjonijiet irregolati, u d-"diplomi proprji" li d-diversi universitajiet għandhom il-fakultà li jagħtu, iżda li, b'mod partikolari, ma jagħtux aċċess għall-professjonijiet irregolati. Dan il-qasam huwa rregolat mil-Liġi Qafas 6/2001 tal-21 ta' Diċembru 2001, dwar l-universitajiet (BOE Nru 307, tal-24 Diċembru 2001, p. 49400).

20 Fi Spanja, l-aċċess għall-professjoni ta' inġinier tekniku huwa suġġett għall-pussess tad-diploma universitarja uffiċjali, skont il-Liġi Qafas 6/2001, li tikkorrispondi għall-professjoni kkonċernata.

21 Kemm fl-Italja, kif ukoll fi Spanja, l-eżerċizzju tal-professjoni ta' inġinier jeħtieġ ukoll l-inklużjoni fir-reġistru ta' korp professjonali. Fl-Italja, il-Kunsill tal-Korp tal-Inġiniera (Consiglio dell'Ordine degli Ingegneri) iżomm reġistru ta' inġiniera f'kull provinċja. Dan ir-reġistru huwa maqsum f'żewġ taqsimiet, bit-Taqsima B irriżervata għall-inġiniera junior. Fi Spanja, skont l-ispeċjalizzazzjonijiet u r-reġjuni hemm diversi "colegios de ingenieros" (korpi ta' inġiniera) li huma kompetenti. F'dawn iż-żewġ Stati Membri, l-inklużjoni fir-reġistru ta' korp ta' inġiniera hija sempliċi prassi amministrattiva li, minnha nnifisha, ma tagħtix prova tal-kwalifiki professjonali tal-persuni kkonċernati, iżda tiggarantixxi biss li l-eżerċizzju tal-professjoni josserva ċerti regoli ta' kondotta professjonali.

— Il-professjoni ta' inġinier mekkaniku fl-Italja

22 Il-persuni li jixtiequ jeżerċitaw il-professjoni ta' inġinier mekkaniku fl-Italja normalment għandu jkollhom diploma universitarja ta' inġinier mekkaniku ("laurea in ingegneria meccanica"), li tingħata wara taħriġ ta' tliet snin, kif ukoll awtorizzazzjoni sabiex jeżerċitaw il-professjoni ta' inġinier li tingħata wara li jirnexxielhom jgħaddu mill-eżami tal-Istat. Barra minn hekk, dawn il-persuni għandhom jiġu inklużi fir-reġistru ta' inġiniera ta' provinċja, fit-taqsima B, settur industrijali.

— Il-professjoni ta' inġinier tekniku industrijali, speċjalizzazzjoni mekkanika fi Spanja

23 Fi Spanja, il-persuni li jixtiequ jeżerċitaw il-professjoni ta' inġinier tekniku industrijali, speċjalizzazzjoni mekkanika ("ingeniero técnico industrial, especialidad mecánica"), għandhom, normalment, ikollhom kwalifika universitarja uffiċjali, skont il-Liġi Qafas 6/2001, ta' inġinier tekniku industrijali, speċjalizzazzjoni mekkanika. Din id-diploma ta' inġinier tekniku tinkiseb wara tliet snin ta' studju. Barra minn hekk, dawn il-persuni għandhom ikunu inklużi fir-reġistru tal-"Colegio de ingenieros técnicos industriales" (korp professjonali tal-inġiniera tekniċi industrijali).

Il-proċedura ta' rikonoxximent fl-Italja

24 Fl-Italja, id-Digriet Leġiżlattiv Nru 115 tas-27 ta' Jannar 1992 (GURI Nru 40 tat-18 ta' Frar 1992, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 115/1992"), ifittex li jittrasponi d-Direttiva 89/48 fl-ordinament ġuridiku nazzjonali.

25 L-Artikolu 1 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 115/1992 bit-titolu "Rikonoxximent tal-kwalifiki ta' studju miksuba fil-Komunità Ewropea" jipprovdi:

"1. Taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti bid-dispożizzjonijiet ta' dan id-digriet, fl-Italja huma rrikonoxxuti d-diplomi mogħtija fi Stat Membru tal-Komunità Ewropea li jixhdu taħriġ professjonali u li l-liġi tal-Istat tissuġġetta l-eżerċizzju ta' professjoni għall-pussess tagħhom.

2. Ir-rikonoxximent huwa mogħti favur ċittadin Komunitarju sabiex jeżerċita fl-Italja, bħala ħaddiem awtonomu jew dipendenti, il-professjoni korrispondenti ma' dik li kkwalifika għaliha fil-pajjiż li tah il-kwalifika msemmija fil-paragrafu preċedenti.

3. Id-diplomi huma rikonoxxuti jekk ikunu pprovduti flimkien mal-prova li l-applikant ikun segwa b'suċċess ċiklu ta' studji superjuri ta' mhux inqas minn tliet snin (jew ta' tul ieħor ekwivalenti f'temp parzjali) f'università jew istitut ta' taħriġ ogħla jew ieħor li jiżgura l-istess taħriġ."

26 Skont il-qorti tar-rinviju, id-Digriet Leġiżlattiv Nru 115/1992 ma jippermettix ir-rikonoxximent ta' diploma mogħtija fi Stat Membru ieħor fuq il-bażi ta' kwalifika Taljana. Din il-qorti tippreċiża li, skont l-Artikolu 1(3) ta' dan id-digriet leġiżlattiv, id-diploma barranija għandha turi li l-applikant ikun segwa ċiklu ta' studju, li jfisser li għandu jkun hemm relazzjoni immedjata bejn it-titolu u ċ-ċiklu ta' studju u li dan tal-aħħar għandu jkun direttament muri permezz tad-diploma. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni ma tistax tapplika għal diploma ta' Stat Membru ieħor li juri fil-verità l-eżistenza ta' kwalifika Taljana.

Il-proċedura ta' rikonoxximent fi Spanja

27 Fid-dritt Spanjol, il-proċedura ta' rikonoxximent tad-diplomi universitarji għandha tkun distinta mill-proċedura ta' rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali prevista mid-Digriet Irjali 1665/1991, tal-25 ta' Ottubru 1991, li jirregola s-sistema ġenerali ta' rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla maħruġa mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li jeżiġu taħriġ ta' minimu tliet snin (BOE Nru 280, tat-22 ta' Novembru 1991, p. 37916), li jittrasponi d-Direttiva 89/48 fl-ordinament ġuridiku Spanjol. Ir-rikonoxximent jikkostitwixxi stħarriġ tal-kontenut akkademiku, f'termini ta' konoxxenzi, tal-istudji li jkunu saru għall-ksib tad-diploma.

28 Sal-4 ta' Settembru 2004, il-proċedura ta' rikonoxximent tad-diplomi universitarji barranin kienet irregolata, fi Spanja, bid-Digriet Irjali 86/1987 tas-16 ta' Jannar 1987 (BOE Nru 20, tat-23 ta' Jannar 1987), kif ukoll bil-liġi adottata b'applikazzjoni ta' dan tal-aħħar.

29 Il-kunċett ta' approvazzjoni kien definit fl-Artikolu 1 tad-Digriet Irjali 86/1987. Skont din id-dispożizzjoni, l-approvazzjoni tinvolvi r-rikonoxximent, fi Spanja, tal-validità uffiċjali, għal skopijiet akkademiċi, tad-diplomi ta' tagħlim ogħla miksuba barra mill-pajjiż.

30 Jirriżulta mill-Artikolu 2 ta' dan id-digriet Irjali li, anki jekk l-approvazzjoni tal-kwalifiki barranin ma jeħtieġx neċessarjament li jsiru eżamijiet supplimentari peress li t-taħriġ muri mill-kwalifika barranija mhuwiex ekwivalenti għal dak muri mill-kwalifika Spanjola korrispondenti, approvazzjoni tista' suġġetta għas-suċċess f'eżamijiet dwar il-konoxxenzi meħtieġa, fi Spanja, sabiex tinkiseb id-diploma.

31 Skont l-Artikolu 3 tad-Digriet Irjali 86/1987, il-proċedura ta' rikonoxximent ma tapplikax għal tagħlim li għandu natura uffiċjali. It-tagħlim l-ieħor mogħti fl-universitajiet, li m'għandux din in-natura, huwa għalhekk esklużż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan id-digriet Irjali.

32 Ir-rikonoxximent jagħti lid-diploma barranija, minn meta tingħata, l-istess effetti bħal dawk li għandha diploma jew grad universitarju Spanjol ekwivalenti.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

33 M. Cavallera, ċittadin Taljan, għandu titolu ta' inġinier mekkaniku mogħtija fid-9 ta' Marzu 1999 mill-università ta' Turin (l-Italja) wara taħriġ ta' tliet snin.

34 M. Cavallera, talab, fi Spanja, lill-ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza r-rikonoxximent tal-kwalifika Taljana tiegħu sabiex din tkun tista' titqabbel ma' titolu universitarju Spanjol korrispondenti skont id-dispożizzjonijiet tad-Digriet Irjali 86/1987. Fis-17 ta' Ottubru 2001, l-imsemmi ministeru rrikonoxxa l-kwalifika Taljana ta' M. Cavallera sabiex tkun imqabbla mat-titolu uffiċjali Spanjol ta' inġinier tekniku industrijali, speċjalizzazzjoni mekkanika.

35 M. Cavallera huwa għalhekk abilitat sabiex jeżerċita l-professjoni regolata ta' inġinier tekniku industrijali, speċjalizzazzjoni mekkanika, fi Spanja. Fuq il-bażi taċ-ċertifikat li

juri l-approvazzjoni tal-kwalifika tiegħu, M. Cavallera inkiteb fir-reġistru ta' wieħed mill-"colegios de ingenieros técnicos industriales" f'Katalunja.

36 Madankollu huwa paċifiku li M. Cavallera ma eżerċitax attività professjonali barra t-territorju Taljan u li la segwa xi taħriġ u lanqas għamel eżamijiet taħt is-sistema edukattiva Spanjola. Bl-istess mod, huwa paċifiku li ma għamilx l-eżami tal-Istat previst mil-liġi Taljana sabiex ikun jista' jeżerċita l-professjoni ta' inġinier.

37 B'talba tas-6 ta' Marzu 2002, M. Cavallera talab, fl-Italja, lill-Ministero della Giustizia r-rikonoxximent tal-kwalifiki tiegħu Spanjoli skont id-Digriet Leġiżlattiv Nru 115/1992, sabiex jinkiteb, f'dan l-Istat Membru, fir-reġistru tal-inġiniera.

38 Skont il-liġi Taljana, din it-talba ġiet imressqa għall-opinjoni ta' kummissjoni istruttorja li ddeċidiet b'maġġoranza favur, anki jekk madankollu, ir-rappreżentant tal-Consiglio Nazionale degli Ingegneri, membru ta' din il-kummissjoni, kien kontra.

39 B'digriet tat-23 ta' Ottubru 2002, il-Ministero della Giustizia rrikonoxxa l-validità tat-titolu Spanjol ta' M. Cavallera sabiex ikun jista' jinkiteb fir-reġistru tal-inġiniera (Taqsima B, settur industrijali). Fuq il-bażi ta' dan id-digriet, M. Cavallera ġie miktub fir-reġistru tal-korp tal-kunsill tal-inġiniera ta' Alessandria (l-Italja) fejn joqgħod.

40 Il-Consiglio Nazionale degli Ingegneri kkontesta l-imsemmi digriet Ministerjali quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (l-Italja) fejn sostna li, skont id-Direttiva 89/48 u l-liġi nazzjonali rilevanti, l-awtoritajiet Taljani ma setgħux jirrikonoxxu l-kwalifika Spanjola ta' M. Cavallera, meta dan ir-rikonoxximent kellu l-konsegwenza li jeżentah mill-eżami tal-Istat previst mil-liġi Taljana.

41 B'deċiżjoni tal-5 ta' Ottubru 2004, din il-qorti ċaħdet ir-rikors ippreżentat mill-Consiglio Nazionale degli Ingegneri, minħabba li l-Ministero della Giustizia kien aġixxa b'mod legali. Il-Consiglio Nazionale degli Ingegneri, wara, appella din id-deċiżjoni quddiem il-Consiglio di Stato (l-Italja).

42 Il-Consiglio di Stato huwa tal-opinjoni li d-Direttiva 89/48 ma tapplikax għas-sitwazzjoni ta' M. Cavallera, għaliex dan ma kiseb l-ebda "diploma", fis-sens tal-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 89/48, fi Spanja u jibbaża t-talba tiegħu kompletament fuq il-kwalifiki Taljani tiegħu. Il-Consiglio di Stato ltaqa' madankollu ma' dubji f'dan ir-rigward.

43 Huwa f'dawn il-kundizzjonijiet li l-Consiglio di Stato ddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Id-Direttiva 89/48/KEE tapplika fil-każ ta' ċittadin Taljan li:

— kiseb fl-Italja diploma ta' inġinier mogħtija mal-ikkompletar ta' studji ta' perijodu ta' tliet snin;

— kiseb ir-rikonoxximent ta' dan it-titolu Taljan bħala li huwa ekwivalenti għat-titolu Spanjol korrispondenti;

— kiseb ir-reġistrazzjoni fir-reġistru Spanjol ta' l-inġiniera, imma qatt ma eżerċita din il-professjoni fi Spanja, [u]

— talab li jinkiteb fir-reġistru tal-inġiniera fl-Italja fuq il-bażi tat-titolu ta' approvazzjoni Spanjol?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, ir-regola nazzjonali (Artikolu 1 tad-digriet leġiżlattiv [Nru 115/1992]), li ma tippermettix ir-rikonoxximent fl-Italja ta' titolu li kien ġie maħruġ minn Stat Membru u li min-naħa tiegħu huwa r-riżultat esklużiv tar-rikonoxximent ta' titolu Taljan preċedenti, hija kompatibbli mad-Direttiva 89/48/KEE?"

Fuq id-domandi preliminari

44 Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 89/48 jistgħux ikunu invokati, għall-aċċess għal professjoni regolata fi Stat Membru ospitanti, minn persuna li għandha titolu mogħti minn awtorità ta' Stat Membru ieħor li ma jitlob l-ebda taħriġ taħt is-sistema edukattiva ta' dan l-Istat Membru u mhuwiex ibbażat la fuq eżami, u lanqas fuq esperjenza professjonali miksuba f'dan l-Istat Membru.

45 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jkun eżaminat jekk ir-rikonoxximent ta' titolu bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/48.

46 Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 89/48, il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 ta' din tal-aħħar jagħti lil kull applikant li għandu "diploma", fis-sens ta' din id-direttiva, li tippermettilu li jeżerċita professjoni regolata fi Stat Membru, id-dritt li jeżerċita l-istess professjoni f'kull Stat Membru ieħor. Il-kunċett ta' "diploma", kif iddefinit fl-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 89/48, huwa l-iktar fattur importanti li fuqu hija bbażata s-sistema ġenerali ta' rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla prevista f'din id-direttiva.

47 Rigward il-kwalifiki li għandu M. Cavallera, għandu jitfakkar, l-ewwel nett, li d-"diploma", fis-sens tal-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 89/48 tista' tkun ikkostitwita minn sensiela ta' titoli.

48 Barra minn hekk, il-kundizzjoni msemmija fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 89/48 hija sodisfatta f'dak li jirrigwarda t-titoli li għandu M. Cavallera, minħabba li kull wieħed minn dawn it-titoli ngħata minn awtorità kompetenti, skont id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi Taljani u Spanjoli rispettivament.

49 F'dak li jikkonċerna l-kundizzjoni msemmija fit-tieni inċiż tal-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 89/48, jirriżulta mill-proċess trażmess lill-Qorti tal-Ġustizzja li M. Cavallera manisfestament jissodisfa l-kundizzjoni fejn it-titolari jkun ikkompleta b'suċċess ċiklu ta' studji postsekondarji ta' mill-inqas tliet snin f'università. Dan huwa, fil-fatt, muri espressament bil-kwalifika li ngħatat lill-parti kkonċernata mill-università ta' Turin.

50 Rigward, barra minn hekk, il-kundizzjoni msemmija fit-tielet inċiż tal-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 89/48, jirriżulta miċ-ċertifikat ta' approvazzjoni stabbilit mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u tax-Xjenza li M. Cavallera għandu l-kwalifiki professjonali meħtieġa sabiex jaċċedi għal professjoni regolata fi Spanja. Anki jekk dan l-element ma jirriżultax espressament mill-imsemmi ċertifikat, huwa stabbilit b'mod ċar permezz tal-fatt li M. Cavallera inkiteb fir-reġistru tal-korp professjonali kompetenti fi Spanja.

51 Jibqa' sabiex jiġi ddeterminat jekk, minħabba l-fatt li ċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tal-kwalifiki li M. Cavallera jirreferi għalih ma jixhed l-ebda taħriġ taħt is-sistema edukattiva Spanjola u mhuwiex ibbażat fuq eżami u lanqas fuq esperjenza professjonali miksuba fi Spanja, is-sensiela ta' titoli li huwa għandu jistgħux madankollu jkunu kkunsidrati bħala "diploma" fis-sens tad-Direttiva 89/48 jew jistgħux jitqabblu ma tali diploma skont t-tieni paragrafu tal-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 89/48.

52 F'dan il-kunstest, l-argumenti invokati mill-Consiglio Nazionale degli Ingegneri kif ukoll mill-Gvern Taljan u mill-Gvern Awstrijak, ibbażati fuq il-formulazzjoni ta' ċerti verżjonijiet lingwistiċi tad-Direttiva 89/48, li jvarjaw, kif ġie rrilevat fil-punti 7, 9, 11 u 12 ta' din is-sentenza, minn dawk tal-verżjonijiet lingwistiċi oħra fejn isemmu l-kliem "Stat Membru ieħor" meta l-parti l-kbira tal-verżjonijiet lingwistiċi fihom sempliċement l-indikazzjoni tal-espressjonijiet "Stat Membru" jew "Stat Membru ospitanti", ma jistgħux ikunu milqugħa.

53 F'dan ir-rigward, jirriżulta fil-fatt minn ġurisprudenza stabbilita li l-bżonn ta' applikazzjoni u, għalhekk, ta' interpretazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju jeskludi li, f'każ ta' dubju, it-test ta' dispożizzjoni jkun ikkunsidrat waħdu f'waħda mill-verżjonijiet tiegħu, imma jeżiġi kuntrarjament li jkun interpretat u applikat fid-dawl tal-verżjonijiet stabbiliti fil-lingwi uffiċjali l-oħrajn (sentenzi tat-12 ta' Novembru 1969, Stauder, 29/69, Ġabra p. 419, punt 3; tat-2 ta' April 1998, EMU Tabac *et*, C-296/95, Ġabra p. I-1605, punt 36, u tad-9 ta' Marzu 2006, Zuid-Hollandse Milieufederatie et Natuur en Milieu, C-174/05, Ġabra p. I-2443, punt 20).

54 Barra minn hekk, għalkemm huwa minnu li ġie deċiż li d-Direttiva 89/48 ma toħloqx limitu f'dak li jirrigwarda l-Istat Membru li fih ikun kiseb il-kwalifiki professjonali tiegħu l-applikant (sentenzi tat-23 ta' Ottubru 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-274/05, Ġabra p. I-7969, punt 28, u Il-Kummissjoni vs Spanja, C-286/06, Ġabra p. I-8025, punt 62), din il-ġurisprudenza tistabbilixxi madankollu distinzjoni bejn il-post ġeografiku fejn isir taħriġ u s-sistema edukattiva minn fejn jirriżulta dan it-taħriġ. Fil-fatt, f'dawn is-sentenzi, il-partijiet ikkonċernati kellhom taħriġ li jirriżulta minn sistema edukattiva differenti minn dik tal-Istat Membru fejn kienu qed ifittxu li jużaw il-kwalifiki professjonali tagħhom.

55 Id-Direttiva 89/48 hija intiża li tħassar l-ostakoli għall-eżerċizzju ta' professjoni fi Stat Membru li ma jkunx dak li jkun ħareġ it-titolu li jistabbilixxi l-kwalifiki professjonali inkwistjoni. Jirriżulta mill-ewwel, it-tielet u l-ħames premessa tal-imsemmija direttiva li titolu li juri kwalifiki professjonali ma jistax ikun imqabbel ma' "diploma" fis-sens ta' din l-istess direttiva mingħajr ma jkun hemm akkwiżizzjoni, totali jew parzjali, tal-kwalifiki fil-kuntest tas-sistema edukattiva tal-Istat Membru li jagħti t-titolu inkwistjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, barra minn hekk, li titolu jiffaċilita l-aċċess għal professjoni jew l-eżerċizzju tagħha sa fejn jagħti prova tal-pussess ta' kwalifika supplimentari (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-31 ta' Marzu 1993, Kraus, C-19/92, Ġabra p. I-1663, punti 18 sa 23, u tad-9 ta' Settembru 2003, Burbaud, C-285/01, Ġabra p. I-8219, punti 47 sa 53).

56 Issa, l-approvazzjoni Spanjola ma tixhed l-ebda kwalifika supplimentari. F'dan ir-rigward, la l-approvazzjoni u lanqas l-inklużjoni fir-reġistru tal-korp ta' wieħed mill-"colegios de ingenieros técnicos industriales" tal-Katalunja ma kienu bbażati fuq verifika tal-kwalifiki jew esperjenzi professjonali miksuba minn M. Cavallera.

57 Li jkun aċċettat, f'dawn iċ-ċirkustanzi, li d-Direttiva 89/48 tkun tista' tiġi invokata sabiex jittieħed benefiċċju minn aċċess għal professjoni regolata fil-kawża prinċipali fl-Italja, iwassal sabiex ikun permess għal persuna li tkun kisbet titolu mogħti minn dan l-Istat Membru, li, fih innifsu, ma jagħtix aċċess għall-imsemmija professjoni regolata, li jaċċedi, minkejja dan, għal din il-professjoni, mingħajr ma l-approvazzjoni tal-kwalifiki miksuba fi Spanja tkun tixhed madankollu kwalifika supplimentari jew esperjenza

professjonali. Dan ir-riżultat huwa kontra l-prinċipju stabbilit mid-Direttiva 89/48 u stipulat fil-ħames premessa ta' din tal-aħħar, fejn l-Istati Membri jżommu l-fakultà li jiffissaw il-livell minimu tal-kwalifiki neċessarji sabiex tkun iggarantita l-kwalità tas-servizzi pprovduti fit-territorju tagħhom.

58 Jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti li l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 89/48 għandu jkun interpretat fis-sens li d-definizzjoni tal-kelma "diploma" li huwa jistipola ma tinkludix it-titolu mogħti minn Stat Membru li ma jitlob l-ebda taħriġ li jirriżulta minn sistema edukattiva ta' dan l-Istat Membru u ma huwa bbażat la fuq eżami u lanqas fuq esperjenza professjonali miksuba fl-imsemmi Stat Membru.

59 Għalhekk, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 89/48 ma jistgħux jiġu invokati, sabiex persuna taċċedi għal professjoni regolata fi Stat Membru ospitanti, mit-titolari ta' titolu mogħti minn awtorità ta' Stat Membru ieħor li ma jitlob l-ebda taħriġ li jirriżulta mis-sistema edukattiva ta' dan l-Istat Membru u li ma huwa bbażat la fuq eżami u lanqas fuq esperjenza professjonali miksuba fl-imsemmi Stat Membru.

60 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, m'hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

Fuq l-ispejjeż

61 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi li:

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin, ma jistgħux jiġu invokati, sabiex persuna taċċedi għal professjoni regolata fi Stat Membru ospitanti, mit-titolari ta' titolu mogħti minn awtorità ta' Stat Membru ieħor li ma jitlob l-ebda taħriġ li jirriżulta mis-sistema edukattiva ta' dan l-Istat Membru u li ma huwa bbażat la fuq eżami u lanqas fuq esperjenza professjonali miksuba fl-imsemmi Stat Membru.

Firem